QALA

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Qala

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 18

It-Tnejn 27 ta' Lulju 2020

Il-Kunsill Lokali Qala ltaqa` b'urgenza fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu li jinsab fl-indirizz Centru Civiku Qala, Triq l-Isqof Mikiel Buttigieg, Qala, fis-6:30 ta' filghaxija.

PREŻENTI:

Paul Buttigieg – Sindku
Ivan Cefai – Vici Sindku
Karl Buttigieg - Kunsillier
Joseph Buttigieg – Kunsillier
Valerie Cassar Mejlak – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Hadd

ASSENTI

Hadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marcia Borg – Segretarja Eżekuttiv

Minuti

Is-Sindku Paul Buttigieg ippresjeda l-laqgha.

## 18.1 Qari tal-ittri tal-apologiji.

18.1.1 Ma kien hemm ebda ittra tal-apologija.

## 18.2 Festa ta' San Guzepp 2020.

18.2.1 Is-Sindku semma li minhabba dak li gara dal-*weekend* inkonessjoni mal-*Corona Virus* huwa ssuggerixxa illi l-marc bil-banda li kien ser isir il-Hadd 2 t'Awwissu 2020 m'ghandux isir izda l-kuncert li ser isir is-Sibt l-1 t'Awwissu 2020 ghandu jsir xorta wahda. Il-Kunsillier Karl Buttigieg semma illi jaqbel mal-proposta tas-Sindku. Huwa semma wkoll illi li ser jigri huwa li l-*bars* kollha ser ikollhom is-*sound* taghhom u li peress li kulhadd idoqq differenti ser ikun hemm gegwigija. Huwa semma li f'irhula l-ohra s-*sound* ikun ta' kollha l-istess. Is-Sindku semma li sena ohra l-Kunsill ghandu jiehu hsieb sabiex jara li jigi provdut l-istess *sound.* Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak semmiet illi hija wkoll taqbel li ghandu jithassar il-marc, semmiet illi anke hemm xi genituri preokkupati u qed issaqsu kif xorta ser jingab il-*bouncy castle* illejla. Hija qablet li l-kuncert tal-*band* ghandu jsir. Il-Kunsillier Joseph Buttigieg semma li huwa jaqbel li l-marc jithassar u l-kuncert ghandu xorta jsir. Huwa semma wkoll illi fil-laqgha ta qabel huwa kien staqsa dwar jekk il-Parrocca taqbilx ma dak li gie diskuss dwar l-attivitajiet tal-festa u mid-dehra l-Parrocca ma taqbilx illi ghandu jsir marc u ghalhekk dakinhar kien staqsa kemm il-darba dwar jekk l-Arcipriet kienx informat u dwar jekk qabilx. Huwa semma illi peress li l-Parrocca ma taqbilx li jsir marc huwa lanqas jaqbel li ghal din is-sena ghandu jsir marc. Huwa semma li ghal *band* ma jsibx problema li jsir forsi li jista` jsir huwa li jkun hemm xi hadd li jinforma lin-nies sabiex ma jingabrux ma xulxin u jzommu d-distanza. Il-Vici Sindku semma li huwa l-istess jaqbel li ghandha tingab il-*band*. Dwar il-marc huwa semma li l-ghada tal-laqgha tal-Kunsill ta' qabel l-Arcipriet kien informah illi huwa ma tax l-approvazzjoni sabiex isir l-marc ta' wara nofsinhar u ghalhekk il-Vici Sindku semma li peress li m'hemmx ftiehem bejn il-Kunsill u l-Parrocca, l-marc m'ghandux isir. Is-Sindku semma li huwa lill-Arcipriet kien kellmu u li kien qallu li diment li l-marc ma jsirx fil-pjazza, huwa ma jsibx oggezzjoni.

## 18.3 Tmiem il-laqgha

18.3.1 Il-laqgha ntemmet fis-7:00 ta' filghaxija.

Ikkonfermati illum, il-Hamis 27 ta' Awwissu 2020.

| | |
|---|---|
| Paul Buttigieg | Marcia Borg |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |